Supplment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,890, 31 ta' Diċembru, 1999
Taqsima B

A.L. 227 ta' l-1999

ATT TA' L-1995 DWAR DAZJU TAS-SISA (ATT NRU. XVI TA' L-1995)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Żjut u Gassijiet tal-*Petroleum* (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Żjut u Gassijiet tal-*Petroleum* (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Żjut u Gassijiet tal-*Petroleum*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali", kif jinsabu fit-Taqsima D tas-Seba' Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1999.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Id-dazju tas-sisa fuq żjut tal-*petroleum* ta' densità ta' taħt 0.900 f'temperatura ta' 15°Ċ għandu jiġi kkalkulat fuq kull 1000 litru ta' prodott f'temperatura ta' 15° Ċ.".

Jissostitwixxi r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:–

"9. (1) Iż-żejt jew gass tal-*petroleum* li jinħatt għal ġot-tankijiet ta' magazzinaġġ wara l-produzzjoni jew importazzjoni għandu jiġi mkejjel minn uffiċjal tad-Dwana sabiex tiġi aċċertata l-kwantità ta' żejt jew gass prodott jew importat qabel isir xi ħruġ minn dawk it-tankijiet.

(2) Il-kwantitajiet ta' żjut tal-*petroleum* għandhom jiġu mkejla fit-temperatura osservata u għandhom jiġu konvertiti għall-kwantitajiet relattivi tagħhom f'temperatura ta' 15° Ċ bl-applikazzjoni tal-*volume correction coefficient* proprju.".

Ihassar l-A.L. 163 ta' l-1999.

4. Ir-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Żjut u Gassijiet tal-*Petroleum*, huma b'dan inħassra.